Speech delivered by Mr Speaker on 7.6.96.

35

Onor. Prim Ministru
Onor. Kap tal-Opposizzjoni
Onor Ministri u Deputati,
Sur Sindku, Mistednin, Sinjuri.

Il-Festa Nazzjonali tas-Sette Gugno, bhal kull festa nazzjonali ohra, ghandha hafna tifsiriet li jistghu jiehdu sura differenti ghal kull min irid ifittex is-sustanza fl-istorja taghna bhala nazzjon u bhala poplu.

Zgur li din hi festa li ghandha sfond storiku u socjali qawwi u li jisthoqqlu enfasi specjali minhabba s-sagrificcji kbar li kellhom jaghmlu l-Maltin li ghexu f'dawk iz-zmienijiet. Huwa dmir taghna li lkoll niftakru f'dawk is-sagrificcji li hafna kellhom ibatu minhabba li pajjizna, ghal darb'ohra, kellu jghaddi minn taht il-mingell ta' gwerra mdemmija li halliet dizastru shih mhux biss fil-kontinent ewropew, izda wkoll f'dan ir-regjun u allura anke f'pajjizna.

Dak kien zmien meta l-umanita suppost li tghallmet lezzjoni kiefra - suppost li fhemet illi l-atrocitajiet ta' gwerra mhux biss ma jsolvu xejn mill-problemi, imma jzidu t-tbatija ghal kullhadd; suppost li gharrfet illi il-gwerer ma jirrizultawx f'rebbieha jew telliefa, ghaliex bil vjolenza kullhadd jitlef. Kienet dik l-esperjenza li wasslet biex fit-28 ta' Gunju tal-1919 gie ssigillat ftehim internazzjonali li ddikjara bla tlaqliq illi kull nazzjon, zghir jew kbir ghandu d-dritt naturali li jaghzel b'mod liberu u demokratiku, min jiggvernah u kif jiggvernah. Wiehed ma jistax ma jirriflettix fuq il-fatt illi dak il-ftehim, maghruf ahjar bhala t-Trattat ta' Versailles sehh proprju wiehed u ghoxrin gurnata wara l-irvellijiet tas-Sette Gugno. Ghalhekk, dak li gara qabel kif ukoll immedjatament wara s-Sette Giugno, ma jistax jinftiehem sewwa jekk ma jitqieghdx fil-kuntest ta' dak it-trattat li, wara kollox, kien jirrifletti sewwa sew dak li riedu l-Maltin dak in-nhar li hadu l-ewwel passi biex ikollhom rajhom f'idejhom.

L-isfortuna hi li l-umanita ma kienetx kapaci tfakkar lilha nfisha fil-lezzjonijiet li l-istorja kienet ghalmitha u kellhom jaghddu ftit snin biss sakemm faqqet gwerra dinjija ohra. L-anqas dik it-tieni gwerra ma kienet bizzejjed biex tikkonvinci, ghaliex sallum stess, ghadna naraw atrocitajiet li sehhew jew qieghdin isehhu f'xi partijiet ohra tad-dinja, vicin u anke mhux daqstant vicin ta' pajjizna.

Irrid nemmen li ghalina l-Maltin, dawk kienu lezzjonijiet li ma jintesewx. Dak in-nhar, missirijietna gharrfu xi jfisser li tkun hieles biex tiddeciedi x'inhu l-ahjar ghal-pajjizek u li jkollok il-poter li dawk id-decizjonijiet tkun tista twettaqhom. Dak in-nhar fhemu li biex dan isehh, irid ikun hemm protezzjoni shiha tal-liberta ta' l-individwu, tad-drittijiet fundamentali tieghu, tas-saltna tal-dritt, ta' rispett shih lejn xulxin u lejn il-popli li maghom irridu nghixu f'dinja li qieghda dejjem izjed tickien bis-sahha tat-teknologija li kapaci tressaqna vicin xulxin f'hin ta' ftit sekondi.

Irridu niftakru f'dan kollu. Bhal ma niftakru wkoll f'dawk li sfaw vittmi f'dik il-gurnata li qieghda tigi kkomemorata llum. Huwa dmir taghna li naghmlu dan ghaliex hemm it-tragedja personali ta' l-individwi li mietu mewta vjolenti u l-effetti li din bilfors halliet fuq il-familjari taghhom. Imma huwa dmir wkoll ghaliex lkoll flimkien, huma jissombilazzaw l-ispirtu tal-Maltin fi zminijiet meta l-poplu taghna kien ghadu

qieghed jghix f'sitwazzjoni ta' kolonjalizmu li ta' sikwiet kien jghazel li jfittex l-interessi ta' l-imperu aktar milli l-interessi tal-poplu Malti. Kienu zmienijiet iebsa li fihom mhux biss kien jirrenja l-guh, izda kien jirrenja wkoll il-biza ta' telfien ta' impiegi ghal mijiet jekk mhux eluf ta' familji li ma setghux jifhmu u l-anqas jaccettaw l-imposizzjoni ta' min uzuhom meta kellhu bzonnhom u ried iwarrabhom meta dak il-bzonn gheb.

Hemm il-bzonn li niftakru f'dan kollu ghaliex il-kumdita li nghixu fiha llum, tista zzelleg il-mod kif inharsu lejn l-akkwisti li pajjizna ghamel matul is-snin biex seta jasal fejn wasal, bir-riskju serju illi l-generazzjonijiet l-godda jaghmlu zball kardinali : dak li jahsbu li ma jezistux perikli li jistghu jherru l-pedament li fuqu kollox huwa mibni.

Proprju ghalhekk, din hija festa nazzjonali li ghandha tifsira specjali ghal dawk fostna li, b'xi mod, huma mpenjati fil-hajja politika ta' dan il-pajjiz, ghaliex hija festa li tghannaq maghha dawk l-gheruq li jzommuna marbutin ma impenn personali li dhalna ghalih minn jeddna. Huwa impenn, pero, li jixbah iz-zewg ucuh ta' munita : kulltant jista jaghtik sodisfazzjon fil-gewwieni tieghek li ma jista jitqabbel ma xejn izjed; imma kulltant jista jweggak intortament ghaliex huwa impenn li, jekk tiehdu bis-serjeta, jixroblok l-energiji kollha tieghek u ta' dawk ta' madwarek. Huwa impenn dedikat kollu kemm hu ghall-gid ta' l-ohrajn - ta' persuni ohra li ma nafuhomx, li ma ltqajniex maghhom, li l-bicca l-kbira taghhom qed jghixu f'darhom ghal kwiet, bit-tama illi l-futur taghhom huwa fdat f'idejn min ghandu interess genwin li jgib il-pajjiz 'il-quddiem.

Hi, allura, festa nazzjonali specjali ghalina lkoll li b'xi mod ninsabu midhla tal-hajja politika ta' pajjizna. Hija okkazzjoni li tqanqalna lkoll kemm ahna, sew jekk ahna membri parlamentari kif ukoll jekk ahna kunsillieri, sindki, amministraturi, ufficjali jew attivisti f'partiti politici u tant kategoriji ohra li flimkien niffurmaw is-sinsla politika ta' pajjizna. Ilum pajjizna jsellem lill dawk kollha li fil-passat daqs kemm fil-prezent, haddmu jew qieghdin jahdmu biex jamministraw dan il-pajjiz u biex iseddqu l-gid morali u materjali ta' dan il-poplu li n-natura hallietu gharwien minn rizorsi naturali, imma li libbsitu b'rizorsi ohra li ghandhom valur ferm akbar.

Dan huwa zgur mument ta' riflessjoni ghal kull min qieghed f'din il-qaghda u kull min jaspira li xi darba jkun ta' servizz ghall-pajjizna. Anzi, nzid nghid illi din hi riflessjoni li ghandha pis akbar f'dawn iz-zmienijiet meta pajjizna jinsab miexi lejn elezzjoni generali li bilfors iggib maghha certu tqanqil. Dan nghidu ghaliex il-Festa nazzjonali tas-Sette Gugno tigbor fiha espressjoni mill-aqwa ta' dawk il-valuri li l-politiku Malti jrid bilfors ihaddan jekk irid li l-impenn tieghu mhux biss ihalli l-frott, imma jkun impenn li ghandu sens u li jiswa ghalih daqs kemm jiswa ghall-pajjiz.

Bla dubju ta' xejn, wiehed minn dawn il-valuri li jispikka huwa dak tal-patrijottizmu - kelma li llum donna m'ghadiex moda imma li, fl-opinjoni tieghi, ghandha tibqa tfisser hafna ghalina u ghall-uliedna. Is-Sette Gugno turina li l-prosperita ta' pajjizna, tiddependi fuq kemm ahna nkunu genwinament kburin li ahna Maltin, cittadini ta' dawn il-gzejjer, b'kultura, tradizzjoni u identita partikolari ghalina u li hi taghna lkoll; xi haga li ma jista jehodilna hadd ghaliex minsuga fil-karattru taghna, fil-mod kif

nahsbu u kif ingibu ruhhna. Hi kultura li fiha nfisha tinsab mibnija fuq valuri ohra sbieh marbuta mas-solidarjeta ma min huwa batut jew ma min qieghed isofri, mar-rispett lejn il-persuna umana, mat-tolleranza, mad-djalogu.

Dan hu r-rizors morali taghna - tezor li rridu nindukrawh lkoll kemm ahna imma b'mod specjali dawk minna li huma impenjati fil-politika ghaliex fuqna taqa l-ewwel responsabbilta. L-imgieba tal-mexxejja Maltin fix-xhur ta' qabel u wara s-Sette Gugno, tixghel bl-ezempju li huma tawna biex inpoggu dejjem l-ewwel u qabel kollox, l-interessi tal-pajjiz u tal-poplu taghna - qabel kull kwistjoni ohra anke jekk din tista tkun ta' vantagg partiggjan. Tghallimna illi l-onesta, l-irgulija u s-sens ta' sagrificcju ghall-gid ta' l-ohrajn, jigu qabel l-interessi li jistghu jkunu ta' vantagg ghal xi naha jew ohra tal-ispektrum politiku ta' pajjizna.

Ippermettuli nfakkarkom f'wiehed mill-mumenti storici li sehhew fis-sena 1919, ftit xhur qabel l-izbroff tas-Sette Gugno. Fil-25 ta' Frar ta' dik is-sena, gemgha ta' Maltin ltaqghet biex taghddi rizoluzzjoni krucjali ghall-futur ta' pajjizna. F'dik il-laqgha Filippo Sceberras, wiehed mill-mexxejja ewlenin ta' pajjizna, kien ipprezenta mozzjoni li wara nbidlet ma ohra izjed kuraggjuza li talbet l-awtonomija shiha f'affarjiet lokali. Kienet laqgha mqanqla, li fiha hadu sehem persunaggi Maltin li kellhom opinjonijiet differenti u kontrastanti. Dik il-gemgha, pero, ghazlet li twarrab kull differenza li kien hemm bejniethom ghaliex l-interess nazzjonali hekk kien jitlob, u approvat ir-rizoluzzjoni finali b'mod unanimu. Il-frott ta' dik id-decizjoni kuraggjuza tfacca ftit wara li sehhet il-grajja tas-Sette Gugno. Malta nghatat Kostituzzjoni gdida li tat lill Maltin poteri ezekuttivi b'kabinett u assemblea legislattiva komposta minn rapprezentanti eletti minn elettorat aktar wiesgha minn qatt qabel. Anke dak in-nhar, ghalhekk, f'dak li gie deskritt bhala l-ewwel pass lejn parlament tal-Maltin ghal Maltin, ghalkemm b'ilwien ta' opinjonijiet differenti, saltnet ir-rieda genwina ta' kullhadd li jara lill pajjizu maghqud u sod; konvint fil-kapacita tieghu li jsib il-prosperita fil-paci u fid-demokrazija.

Dan kien ezempju li jkaxkar u zgur jibqa jidwi f'widnejn il-politici tallum u t'ghada. Kien ezempju li fuqu nbniet il-mixja kostituzzjonali li fl-ahhar kellha twassal ghall-indipendenza ta' pajjizna u li taghtna l-ghodda li llum ghandna biex nhaddmu d-demokrazija f'pajjizna. Fost din l-ghodda, l-istituzzjoni parlamentari ssib post fil-quccata ta' piramida li tinkludi l-kunsilli lokali u l-partiti politici bhala elementi krucjali li flimkien jirrapresentaw il-hajja demokratika ta' pajjizna fejn ic-cittadin mhux biss isemma lehnu permezz tar-rapprezentanti tieghu, izda jippartecipa direttament fit-tfassil tad-destin tieghu u ta' pajjizu.

U allura, din hi okkazzjoni li forsi aktar minn haga ohra, tenfasizza r-rwol tal-istituzzjoni parlamentari u tar-responsabbilta taghna lkoll li nkomplu nsahhuha billi naghmluha istituzzjoni li tkun tassew rapprezentattiva, li tkun tahdem b'mod efficjenti u li tkun tilhaq l-ghola aspirazzjonijiet tal-poplu taghna. Jiena ghedt u nibqa nghid illi ghandna parlament li ghandna nkunu kburin bih. Dan huwa mertu ta' dawk kollha li ffurmaw parti minnu tul is-snin kollha li jmorru lura anke lil hinn mill-1919. Mertu ta' dawk il-politici, mexxejja tal-poplu taghna, li taw hilithom u sahhithom biex permezz tar-regoli demokratici jgibu lill-pajjizna l-quddiem, jiggeneraw il-gid fl-istess hin li jfitxxu u jkattru l-paci bejnietna u bejn il-popli ta' madwarna.

Istituzzjoni parlamentari m'hi xejn minghajr il-membri eletti li jikkomponuha, daqs kemm il-membri m'huma xejn minghajr l-istituzzjoni. Hi b'sahhitha daqs kemm jaghmluha l-membri u tiddghajjef daqs kemm idghajfuha huma. Tahdem efficjenti jekk il-membri eletti taghha jkunu efficjenti u tkun effettiva jekk il-membri eletti taghha huma effettivi. Daqstant iehor, pero, il-membri jistghu jkunu efficjenti u effettivi fil hidma parlamentari taghhom, jekk ir-regoli li bihom titmexxa dik l-istituzzjoni jippermettulhom li jaghmlu dan, jekk il-metodu li bih jopera l-Parlament ikun wiehed li jsahhah l-opportunita tad-dibattitu b'espressjoni libera ta' opinjonijiet moghtija b'serjeta, bi preparazzjoni u b'responsabbilta.

Naturalment, dan kollu irid isehh f'qafas demokratiku li ghandu r-regoli precizi tieghu li jiddettaw kif tigi stabbilita decizjoni li jkollha l-appogg tal-maggoranza f'rispett shih lejn id-drittijiet u r-responsabbilta tal-minoranza. Sakemm jigu segwiti dawn ir-regoli, u sakemm kullhadd jerfa r-responsabbilta li dahal ghaliha f'dik il-gurnata meta ha l-gurament tal-hatra, allura jkollna - bhal ma ghandna - parlament li jilhaq l-aspirazzjoni tal-poplu li jkun ivvota biex jeleggi r-rapprezentanti tieghu halli jaqdu din il-funzjoni krucjali ghall-pajjizna.

Dan kollu jghodd ghall-funzjoni legislattiva li tezercita l-istituzzjoni parlamentari ta' pajjizna - funzjoni ewlenija li tinvolvi ezercizzju qawwi ta' bdil ta' opinjonijiet li ghandu skop wiehed - dak li pajjizna jkollu ligijiet li mhux biss ikunu mfassla tajjeb, imma li jinfthemu mill-pubbliku li jrid isegwihom u jghixhom fil-hajja ta' kuljum. Id-dibattitu parlamentari ghandu dan ukoll bhala skop u cjoe mhux biss dibattitu li jtejjeb il-ligi li tkun qieghda tigi diskussa, imma wkoll dibattitu li jiccara u jfiehem ahjar l-implikazzjonijiet ta' dak li jkun qieghed jigi propost.

Izda hemm funzjoni ohra, importanti li l-Parlament irid jaqdi u din hi dik li jitlob rendikont minghand l-Ezekuttiv ta' pajjizna f'dak li ghandu x'jaqsam ma l-amministrazzjoni tal-gid komuni. Din hi funzjoni li tohrog mid-distinzjoni cara li tezisti bejn il-parlament u l-Gvern; bejn ir-rwol li lkoll kemm ahna ghandna bhala membri parlamentari, u r-rwol li uhud minnha ghandhom bhala membri ta' l-ezekuttiv. Din hija distinzjoni li ghandna dejjem inzommu quddiem ghajnejna anke jekk is-sistema parlamentari taghna kulltant taghmilha difficli biex ic-cittadin jaghmel differenza bejn iz-zewg rwoli.

Istituzzjoni Parlamentari b'sahhitha hi dik li tkun tista tezercita din il-funzjoni b'mod effettiv tant illi fl-ezercizzju ta' dan ir-rwol, il-Parlament ikun jista jtejjeb l-amministrazzjoni u mhux idghajjifha.

Illum, pajjizna ghandu istituzzjoni parlamentari li giet msahha b'strutturi godda li waqqafna ftit xhur ilu - esperjenza li ghadha qieghda timmatura imma li diga bdiet taghti rizultati posittivi li jistghu jkomplu jitkattru fil-futur bl-appogg u l-kontribut ta' kullhadd. Il-Kumitati Permanenti taw xehta gdida lill-kwalita ta' xoghol li jsir fil-parlament taghna apparti li taw aktar nifs lill-Kamra li issa ghandu jkollha aktar hin biex tiddibatti mhux biss il-ligijiet li jigu proposti izda wkoll kwistjonijiet ta' importanza nazzjonali. Ma dan l-izvilupp wiehed irid isemmi wkoll l-introduzzjoni ta'

l-Ombudsman bhala ufficjal Parlamentari b'funzjoni li tikkomplimenta dik tal-Parlament illi tezigi rendikont minghand l-Ezekuttiv dwar atti ta' amministrazzjoni.

Jonqos li jittiehed il-pass li jmiss u cjoe dak li permezz tieghu l-Awditur isir ukoll ufficjal Parlamentari. B'hekk jissahhah ir-rwol tal-Kumitat Permanenti ghall-Kontijiet Pubblici li jkun jista jaqdi l-funzjoni tieghu b'mod aktar effikaci. Wara dan, ikun imiss li l-Parlament innifsu jsir istituzzjoni li tkun indipendenti mill-amministrazzjoni tal-Ezekuttiv u nahseb li wasal iz-zmien biex iz-zewg nahat tal-Kamra jibdew jiddiskutu dwar dan halli jaraw jekk hemmx qbil fil-principju u biex eventwalment jibda l-process li wara kollox, m'hu xejn hlief il-konkluzjoni logika tal-principju li jistablixxi d-distinzjoni bejn l-istituzzjoni parlamentari u l-Gvern.

Is-Sette Gugno jirrapresenta dan kollu - dak li ahna u ta qabilna ghamlu biex flimkien qieghdin naghtu lill dan il-pajjiz, Parlament li jkun dejjem izjed rilevanti ghaz-zmienijiet li nkunu qieghdin nghixu. Dan mhux biss ghandu jaghmilna kburin b'dak li ghandna llum izda ghandu jimmotivana lkoll biex inkomplu nsahhu dak li wiritna, ghal gid taghna u ghal gid tal-generazzjonijiet li ghad iridu jigu warajna.

Nirringrazzjakom.

L. Gonzi
7.6.96